Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' April 2023
(OR. en)

8344/23

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0207(COD)**

CODEC 618
CLIMA 193
ENV 371
AVIATION 84
MI 297
IND 172
ENER 186
ICAO 25
RELEX 459

**NOTA PUNT "A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-kontribut tal-avjazzjoni għall-mira tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-ekonomija kollha tal-Unjoni u li timplimenta b'mod xieraq miżura globali bbażata fuq is-suq **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fl-14 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta[1] tagħha lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 192(1) TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-8 ta' Diċembru 2021[2].

3. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fit-28 ta' April 2022[3].

[1] 10917/21; ADD 1-3.
[2] ĠU C 152, 6.4.2022, p. 152.
[3] ĠU C 301, 5.8.2022, p. 116.

4. Fit-18 ta' April 2023, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[4].

5. Fil-laqgħa tiegħu tad-19 ta' April 2023, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel li jistieden lill-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE- CONS 8/23 bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss, bil-Bulgarija u l-Polonja jastjenu.

6. Id-dikjarazzjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tinsab fl-Addendum għal din in-nota.

7. Il-Kunsill huwa mistieden japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari kif tinsab fid-dokument PE-CONS 8/23.

8. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

   Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

[4] 7983/23.